MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2023

Rikors Kostituzzjonali Numru 786/2021 LM

**Toufik Boumaaza (Numru tal-Pulizija tal-Immigrazzjoni 19WW-050)**

***vs.***

**L-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali; u il-Ministru tal-Intern, Sigurtà Nazzjonali u Infurzar tal-Liġi, u l-Avukat tal-Istat, u t-Tribunal tal-Appell għall-Protezzjoni Internazzjonali;**[1]

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-Rikors imressaq fit-3 ta' Diċembru, 2021, mir-rikorrent **Toufik Boumaaza (Numru tal-Pulizija tal-Immigrazzjoni 19WW-050)** [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrent'] fejn issottometta dan li ġej:

   1. *Ili l-esponenti wasal hawn Malta b'mod illegali nhar it-23 ta' Novembru, 2019 permezz tal-baħar mil-Libja u dan stante illi l-ħajja tiegħu ġewwa l-Marokk kienet reża impossibbli u ta' periklu imminenti għal ħajtu, kif jidher mir-rakkont tiegħu hawn anness u mmarkat bħala **Dok. TB1.***

[1] Żieda awtorizzata b'digriet tal-Qorti tal-14 ta' Settembru, 2022.

2. *Illi l-esponenti mal-wasla tiegħu ġewwa Malta intavola applikazzjoni mal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali sabiex jingħata status ta'* asylum seeker;
3. *Illi l-esponenti wara li nħarġet id-deċiżjoni mit-Tribunal sovra indikat, kopja hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok. TB2*** *ma kellux rimedju ieħor għajr li jintavola dawn il-proċeduri quddiem din l-Onorabbli Qorti.*
4. *Illi kif ser jiġi trattat waqt dawn il-proċeduri jekk l-esponenti jintbagħat lura lejn il-Marokk huwa se jkun soġġett għal preġudizzju irrimedjabbli u hemm riskju serju li jsofri trattament inuman u degradanti, b'periklu għal ħajtu u saħħtu;*
5. *Illi fl-eventwalità li r-rikorrenti jintbagħat lura fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu ser ikun hemm vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu u ċioe artikoli 32, 33, 36, 39 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll artikoli 1, 2, 3, 5, 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem;*
6. *Illi l-preġudizzju li l-esponent ser ikun qiegħed jiġi espost għalih huwa ta' natura permanenti u irreparabbli u għalhekk jinħtieġ l-azzjoni u l-protezzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fl-applikazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu.*

*Għaldaqstant, l-esponent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*Tiddikjara illi l-passat akkadut tal-esponenti huwa raġuni valida sabiex iservi u jiġi kkonsidrat sabiex ikollu l-possibilità li jirrisjedi f'dawn il-Gżejjer b'mod regolari;*

*Tordna u tiddeċiedi illi d-deċiżjoni meħuda mit-Tribunal tal-Appell għall-Protezzjoni Internazzjonali ta' nhar il-21 ta' April, 2021 tmur kontra d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-artikoli 32, 33, 36, 39 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll artikoli 1, 2, 3, 5, 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem;*

*Tordna s-sospensjoni ta' kwalunkwe ordni ta' ħruġ minn Malta jekk ikun il-każ, sakemm jiġu eżawriti dawn il-proċeduri;*

*Tordna li l-esponenti għalhekk jibqa' jirrisjedi ġewwa Malta u tordna l-ħruġ ta' dokumenti neċessarji sabiex l-esponenti jkun jista' jirrisjedi b'mod regolari.*

2. Rat ir-Risposta tal-intimata **Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali**, tal-intimat **Ministru tal-Intern, Sigurtà Nazzjonali u Infurzar tal-Liġi**, u tal-intimat **Avukat tal-Istat** [minn issa 'l quddiem 'l-intimati'], li ġiet ippreżentata fid-29 ta' Diċembru, 2021, li biha eċċepew:

*Illi l-eċċezzjonijiet tal-esponenti hawn taħt elenkati qegħdin jingħataw mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

*Illi l-ilment tar-rikorrent huwa fis-sens illi "*id-deċiżjoni meħuda mit-Tribunal tal-Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali ta' nhar il-21 ta' April, 201 tmur kontra d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif sanċiti f'artikoli 32, 33, 36, 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll artikoli 1, 2, 3, 5, 14 tal-Konvenzjoni Ewropea" *u għalhekk apparti din it-talba għal ksur tar-rikorrent qed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi l-passat akkadut tar-rikorrenti hija raġuni valida sabiex iservi u jiġi kkunsidrat sabiex ikollu l-possibilità illi jirrisjedi fil-gżejjer Maltin b'mod regolari u tordna illi r-rikorrent jibqa' jirrisjedi ġewwa Malta inkluż il-ħruġ ta' dokumenti neċessarji sabiex jirrisjedi b'mod regolari b'talba ukoll għal sospensjoni għal kwalunkwe ordni ta' ħruġ fil-konfront tar-rikorrent;*

*Illi l-esponenti jissottomettu li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:*

*1. Illi in linea preliminari, l-għoti jew ċaħda ta' status ta' refuġjat (ai termini tal-Kapitolu 420 tal-Liġijiet ta' Malta) ma taqax fil-mansjonijiet u r-responsabbilitajiet tal-Avukat tal-Istat u tal-Ministru tal-Intern, Sigurtà Nazzjonali u Infurzar tal-Liġi li konsegwentement mhumiex il-leġittimi kontraditturi għat-talbiet tar-rikorrent u għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju oltre l-fatt li a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) l-Kap in kariga tal-materja in kwistjoni għandu jirrispondi għal talbiet ġudizzjarji;*

*2. Illi in linea preliminari ukoll jiġi eċċepit li r-rikorrent naqas milli jutilizza rimedju ordinarju effettiv u aċċessibbli li tagħtih il-liġi u ċioe azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap. 12. Għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita l-poteri tagħha taħt il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u dan ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso għall-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta stante non-eżawriment ta' mezzi ordinarji ta' rimedju;*

*3. Illi l-esponent Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali teċċepixxi illi t-tieni talba tar-rikorrent hija rriċevibbli stante illi ma teżisti ebda deċiżjoni tat-Tribunal tal-Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali (fn. 1 In-nomenklatura korretta tat-Tribunal huwa 'It-Tribunal tal-Appelli għal Protezzjoni Internazzjonali') li ġġib id-data tal-21 ta' April, 2021 u kwindi dina l-Onorabbli Qorti ma tistax tordna illi deċiżjoni ta' entità/organu kważi ġudizzjarju illi lanqas biss teżisti tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent (fn. 2 Id-deċiżjoni tal-IPAT hija datata 28 ta' April, 2021);*

*4. Illi l-esponent Aġenzija teċċepixxi illi l-ewwel u r-raba' talba huma improponibbli stante illi l-proċeduri Kostituzzjonali mhumiex intiżi sabiex iservu bħala Qorti tat-tielet istanza u kwindi jirrevokaw il-poter illi l-awtoritajiet ġew mogħtija bil-liġi. Din l-azzjoni m'hija xejn ħlief* arm twisting *min-naħa tar-rikorrent illi qiegħed jittenta jieħu dak li*

*jrid a skapitu tad-deċiżjoni illi l-awtorità kompetenti ħadet wara proċess amministrattiv magħmul skont il-liġi viġenti;*

*5. Illi l-esponenti jeċċepixxu illi fir-rigward tat-tielet talba, l-intimati mhumiex l-awtoritajiet/aġenziji kompetenti sabiex joħorġu ordni ta' ħruġ minn Malta u kwindi lanqas din it-talba ma tista' tintlaqa' fil-konfront tagħhom;*

*6. Illi l-esponenti Aġenzija teċċepixxi illi l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta mhuwiex artikolu azzjonabbli ai termini tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni stante illi ma jifformax parti mill-artikoli azzjonabbli għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u ċioe l-artikoli 33-45 tal-Kostituzzjoni. Kwindi, it-talba għal dikjarazzjoni ta' ksur fir-rigward tal-artikolu 32 hija improponibbli* ab initio *u qatt ma tista' tiġi akkolta. L-istess jingħad għal talba ta' leżjoni tal-artikolu 1 tal-Konvenzjoni Ewropea;*

*7. Illi fir-rigward tal-invokar ta' leżjoni tal-artikoli 33 u 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikoli rispettivi fil-Konvenzjoni Ewropea (artikolu 2 u 3), l-esponenti Aġenzija tissottometti illi kif ikkonkludiet fir-rapport tagħha wara diversi intervisti mar-rikorrent ma kien hemm ebda theddida fuq il-ħajja u s-sigurtà tar-rikorrent jekk jirritorna lura f'pajjiżu u dan kif stabbilit fid-deċiżjoni tal-Aġenzija datata 21 ta' April, 2021;*

*8. Illi fir-rigward tal-invokar ta' leżjoni tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu rispettiv fil-Konvenzjoni Ewropea (artikolu 14), l-esponenti Aġenzija tissottometti illi r-rikorrent ma ġie rinfaċċjat b'ebda diskriminazzjoni. L-Aġenzija twettaq xogħol abbażi ta' liġi u ta' sorsi internazzjonali tagħha fil-konfront ta' mijiet ta' applikanti minn għexieren ta' pajjiżi differenti u tieħu d-deċiżjonijiet tagħha abbażi tal-istess liġi u sorsi internazzjonali. Għaldaqstant din l-allegazzjoni mhux talli hija inveritiera imma talli hija fiergħa u vessatorja u intiża sabiex titfa' dell ikrah fuq l-operat tal-Aġenzija, ħaġa illi l-esponent ma taċċettax u li għandha tiġi kkundannata minn din l-Onorabbli Qorti;*

*9. Illi l-esponenti jeċċepixxu illi fir-rigward tal-invokar tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea li tikkonċerna l-libertà tal-bniedem, l-esponenti jeċċepixxu illi anke t-talba għal leżjoni ta' dan l-artikolu huwa improponibbli stante illi l-esponenti mhumiex iżommu lir-rikorrent kontra l-volontà tiegħu;*

*10. Illi d-deċiżjoni tal-esponent Aġenzija mogħtija fil-21 ta' April, 2021 fir-rigward saret abbażi tal-liġijiet viġenti u abbażi prassi amministrattivi assodati;*

*11. lli l-esponenti* International Protection Agency *teċċepixxi illi hija mogħnija bil-Liġi illi tapplika l-kriterja ta' "manifestament infondata" abbażi tal-artikolu 2 tal-Kapitolu 420 tal-Liġijiet ta' Malta liema artikoli jemanaw mid-dritt Ewropew u li qatt ma ġew dikjarati anti-kostituzzjonali; (fn. 3 Vide artikolu 31 (8) u artikolu 46 tal-*Asylums Procedure Directive (Directive 2013/32/EU of the European Parliament and of the

Council of 26 June, 2013 on common procedures for granting and withdrawing international protection (recast))

*12. Illi mingħajr preġudizzju għal dak li ngħad aktar kmieni f'din ir-risposta, l-esponenti jissottomettu li l-proċeduri l-Aġenzija intimata ma huma mtappna mill-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali. Il-proċeduri quddiem awtorità amministrattiva bħala l-intimata aġenzija mhumiex* adversarial *u l-istess aġenzija mhijiex tribunal jew Qorti;*

*13. Illi jsegwi li l-lanjanzi u t-talbiet kollha tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda;*

*14. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*15. Bl-ispejjeż.*

3. Illi fl-14 ta' Settembru, 2022 din il-Qorti tat digriet, fejn *ai termini* tal-artikolu 175(1) tal-Kap. 12 awtorizzat il-korrezzjonijiet mitluba mir-rikorrent fir-rikors tiegħu tat-13 ta' Ġunju, 2022, u ordnat li jiġi miżjud bħala intimat f'dawn il-proċeduri it-Tribunal tal-Appell għall-Protezzjoni Internazzjonali, li ngħata għoxrin ġurnata min-notifika għar-risposta tiegħu.

4. Rat ir-Risposta tal-imsejjaħ fil-kawża **Tribunal tal-Appell għal Protezzjoni Internazzjonali** (minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal intimat') li ġiet ippreżentata fit-3 ta' Ottubru, 2022, li biha eċċepixxa:

*Illi l-eċċezzjonijiet tal-esponenti hawn taħt elenkati qegħdin jingħataw mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

*Illi l-ilment tar-rikorrent huwa fis-sens illi "*d-deċiżjoni meħuda mit-Tribunal tal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali ta' nhar il-21 ta' April, 2021 tmur kontra d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent kif sanċiti f'artikoli 32, 33, 36, 39 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll arikoli 1, 2, 3, 5, 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea" *u għalhekk apparti din it-talba għal ksur ir-rikorrent qed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi l-passat akkadut tar-rikorrent hija raġuni valida sabiex iservi u jiġi kkunsidrat sabiex ikollu l-possibilità li jirrisjedi fil-gżejjer Maltin b'mod regolari u tordna illi r-rikorrent jibqa' jirrisjedi ġewwa Malta inkluż il-ħruġ ta' dokumenti neċessarji sabiex jirrisjedi b'mod regolari b'talba ukoll għal sospensjoni għal kwalunkwe ordni ta' ħruġ fil-konfront tar-rikorrent;*

*Illi l-esponent jissottometti li l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:*

*1. Illi in linea preliminari, l-esponent mhuwiex leġittimu kontradittur u dan ai termini tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (fn. 1 Vide sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet "Wasim Rakib vs Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati" tas-26 ta' Frar, 2017 (788/2015MCH));*

*2. Illi in linea preliminari wkoll jiġi eċċepit li rikorrent naqas milli jutilizza rimedju ordinarju u effettiv u aċċessibbli li tagħtih il-liġi u ċioe azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap. 12. Għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita l-poteri tagħha taħt il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u dan ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso għall-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta stante non-eżawriment ta' mezzi ordinarji ta' rimedju;*

*3. Illi l-esponent jeċċepixxi illi t-tieni talba tar-rikorrent hija rriċevibbli stante illi ma teżisti ebda deċiżjoni tat-Tribunal tal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali (fn. 2 - In-Nomenklatura korretta tat-Tribunal huwa t-Tribunal tal-Appelli għal Protezzjoni Internazzjonali) li ġġib id-data tal-21 ta' April, 2021 u kwindi din l-Onorabbli Qorti ma tistax tordna illi deċiżjoni ta' entità / organu kważi ġudizzjarju illi lanqas biss teżisti tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent (fn. 3 Id-deċiżjoni tal-IPAT hija datata 28 ta' April, 2021);*

*4. Illi l-esponent jeċċepixxi illi l-ewwel u r-raba' talba huma improponibbli stante illi l-proċeduri Kostituzzjonali mhumiex intiżi sabiex iservu bħala Qorti tat-Tielet istanza u kwindi jirrevokaw il-poter illi l-awtoritajiet ġew mogħtija bil-liġi. Din l-azzjoni mhi xejn ħlief* arm twisting *min-naħa tar-rikorrent illi qiegħed jittenta jieħu dak li jrid a skapitu tad-deċiżjoni illi l-awtorità kompetenti ħadet wara proċess amministrattiv magħmul skont il-liġi viġenti;*

*5. Illi l-esponent jeċċepixxi illi fir-rigward tat-tielet talba, l-intimat mhuwiex l-enti ġudikanti kompetenti sabiex joħroġ ordni ta' ħruġ minn Malta u kwindi lanqas din it-talba ma tista' tintlaqa' fil-konfront tiegħu;*

*6. Illi l-esponent jeċċepixxi n-nuqqas ta' applikabilità tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-każ odjern stante illi l-applikazzjoni għal status ta' refuġjat ma jinkwadrax* in the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him; *(fn. 4* ***Di fatti l-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ripetutament irriteniet li l-artikoli invokati mill-appellanti ma japplikawx għal talbiet għal status ta' refuġjat (ECHR Maaouia v. France, GC, 5 ta' Ottubru, 2000, #38#39; ECHR Mamatkulov v. Turkey, 6 ta' Frar, 2003, #80; ECHR Tahari Kandomabadi v. Netherlands, Dec. Amm. 29 ta' Ġunju, 2004; ECHR Katani v. Germany, Dec. Amm. 31 Mejju, 2001, En Droit #4) u dan peress li f'materja bħal din ma hemmx id-determinazjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili.***

***Dan huwa wkoll l-insenjament tal-Qrati tagħna u ċioe li* “Asyum proceedings under our law are and remain essentially administrative proceedings, and the right granted in sub-article (9) of article 8 of Chapter 420 to apply for constitutional redress does not mean that those proceedings, whether before the Commissioner or the Board, are proceedings leading to a determination of a civil right or obligation within the meaning of Article 6(1) of the Convention and Article 39(3) of the Constitution.” (Qorti Kost. Dr. Muhammed Mokbel Elbakry v. Onor. Prim Ministru et 29 ta’ Mejju, 2009; ara wkoll Prim’Awla Qorti Ċivili Hekmat Mohammed Moatti El Fraie v. L-Onor. Prim Ministru et. 13 ta’ Lulju, 2007).**

*7. Illi l-esponent jeċċepixxi illi l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta mhuwiex artikolu azzjonabbli ai termini tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni stante illi ma jifformax parti mill-artikoli azzjonabbli għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u ċioe l-artikoli 33-45 tal-Kostituzzjoni. Kwindi, it-talba għal dikjarazzjoni ta’ ksur fir-rigward tal-artikolu 32 hija improponibbli* ab initio *u qatt ma tista’ tiġi akkolta. L-istess jingħad għal talba ta’ leżjoni tal-artikolu 1 tal-Konvenzjoni Ewropea;*

*8. Illi l-esponent jeċċepixxi illi fir-rigward tal-invokar tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea li tikkonċerna l-libertà tal-bniedem, l-esponent jirrileva illi anke t-talba għal leżjoni ta’ dan l-artikolu huwa improponibbli stante illi l-esponent mhuwiex iżomm lir-rikorrent kontra l-volontà tiegħu;*

*9. Illi jsegwi li l-lanjanzi u t-talbiet kollha tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda.*

*10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*11. Bl-ispejjeż.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-21 ta’ Ottubru, 2022, fejn il-partijiet ingħataw l-fakultà li jippreżentaw noti ta’ sottomissjonijiet dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimati, u fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimati.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjoni.

## Provi u riżultanzi

5. Flimkien mar-rikors promutur, ir-rikorrent ippreżenta kopja tat-traskrizzjoni tal-intervista li saritlu mill-intimata Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali dwar l-applikazzjoni tiegħu sabiex jingħata protezzjoni internazzjonali.[2] F'din l-intervista r-rikorrent spjega li huwa kien qiegħed japplika għal protezzjoni minħabba f'kunflitt antik li hemm fil-Marokk, il-pajjiż tal-oriġini tiegħu, li kien beda fl-1973 u li għadu għaddej sallum. Ir-rikorrent qal li s-sitwazzjoni preżenti fil-Marokk u l-involviment tiegħu fi grupp politiku partikolari, jfissru li f'pajjiżu huwa la għandu tgawdija tal-libertà u lanqas ma jingħata opportunitajiet ta' xogħol. Qal ukoll li huwa attivist politiku fi grupp partikolari, u meta kien għadu f'pajjiżu huwa pparteċipa f'diversi protesti paċifiċi sabiex jitlob rikonoxximent ta' drittijiet għal persuni ġejjin mis-Sahara tal-Punent. Ir-rikorrent qal li huwa spiċċa fil-mira tal-awtoritajiet Marokkin minħabba fl-attiviżmu tiegħu, u għalhekk tilef diversi opportunitajiet ta' xogħol, u jinsab imċaħħad mid-dinjità u mil-libertà tiegħu. Ir-rikorrent esprima l-biżgħa li f'każ li jirritorna fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu huwa jiġi arrestat, u qal li l-uniku post fejn huwa jista' jgħix b'mod sigur, Tindouf, hemm kriżi umanitarja minħabba nuqqas ta' ikel u xorb. Ir-rikorrent qal ukoll li huwa ma setax jitlaq mill-Marokk b'mod leġittimu, u kien għalhekk li huwa wasal Malta illegalment. Ir-rikorrent ippreżenta kopja tad-deċiżjoni mibgħuta lilu mill-*International Protection Agency* bid-data tal-21 ta' April, 2021[3], fejn huwa ġie mgħarraf li:

> "*Based on the assessment conducted regarding your application for international protection and the evidence available at the time of writing, the International Protection Agency concluded that your application fails to meet the inclusion criteria for both refugee status and subsidiary protection status, and therefore has decided that your application is* ***REJECTED AS MANIFESTLY UNFOUNDED****. For more details*

[2] *A fol.* 4 tal-proċess.
[3] *A fol.* 10 tal-proċess.

> *regarding the reasons for this decision, kindly refer to the assessment regarding your application for international protection ...".*

6. L-imsemmi *assessment* ġie mibgħut lir-rikorrent u kopja tiegħu ġiet esebita minnu fl-atti ta' din il-kawża[4], minn fejn jirriżulta li fid-deċiżjoni tagħha l-Aġenzija kkonsidrat li r-rikorrent kien evażiv u ġeneriku fir-risposti li huwa ta waqt l-intervista li saritlu. Hekk per eżempju ngħad li r-rikorrent ma tax dettalji suffiċjenti dwar il-parteċipazzjoni tiegħu fil-grupp politiku bl-isem 'Polisario', u wera nuqqas ta' għarfien dwar dan il-grupp politiku. Fl-imsemmi *assessment* ġie konkluż li r-rikorrent ma kienx kredibbli meta qal li kien qiegħed jiġi segwit mill-awtoritajiet Marokkini minħabba fil-parteċipazzjoni tiegħu fil-grupp 'Polisario', u minħabba fil-parteċipazzjoni tiegħu f'diversi protesti paċifiċi. Fl-imsemmi *assessment* intqal li r-rikorrent m'għarafx iwieġeb dwar kif huwa sar jaf li kien qiegħed jiġi segwit, jew kif ħbieb tiegħu saru jafu li l-awtoritajiet Marokkini kienu qegħdin isegwuhom, kif ukoll ir-rikorrent naqas milli jagħti dettalji dwar x'informazzjoni ngħata minn sħabu sabiex wasal għall-konklużjoni li l-awtoritajiet kienu qegħdin isegwuh. Fil-parti konklussiva tal-*assessment* ingħad li ladarba l-fatti materjali ma ġewx stabbiliti, m'hemm l-ebda probabbilità (*likelihood*) li f'każ li r-rikorrent jintbagħat lura f'pajjiżu dan ser ikun suġġett għal trattament li jista' jammonta għal persekuzzjoni jew għal dannu serju. Finalment ingħad li l-applikazzjoni tar-rikorrent kienet qegħda tiġi rifjutata għaliex huwa ġej minn pajjiż tal-oriġini sigur, kif ukoll għaliex huwa għamel rappreżentazzjonijiet inkonsistenti u kontradittorji, qarrieqa jew improbabbli, u għalhekk ma kkonvinċiex lill-awtoritajiet li huwa jikkwalifika bħala benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali.

[4] *A fol.* 11 tal-proċess.

7. Ir-rikorrent ippreżenta wkoll ċertifikat mediku maħruġ mill-konsulent psikjatriku Dr Beppe Micallef Trigona, li jgħid li huwa qiegħed isofri minn *post-traumatic stress disorder* minħabba fi trawma li sofra fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu u huwa u jivvjaġġa lejn Malta.[5]

8. Waqt l-udjenza tas-26 ta' Jannar, 2022, il-Qorti ordnat li qabel kull ħaġa oħra għandha tiġi trattata t-tieni eċċezzjoni tal-intimati, u għalhekk ġiet ordnata l-inverżjoni tal-provi.

9. Waqt l-udjenza tal-4 ta' Marzu, 2022, xehdet **Charmaine Bugeja**, Assistent Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali, li kkonfermat li l-kawża odjerna hija l-unika proċedura mibdija mir-rikorrent fil-konfront tal-intimati.[6]

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

10. Ir-rikorrent fetaħ il-proċeduri odjerni għaliex b'deċiżjoni mogħtija mill-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali tal-21 ta' April, 2021, kif konfermata mit-Tribunal tal-Appelli għal Protezzjoni Internazzjonali fit-28 ta' April, 2021, it-talba tiegħu biex jingħata protezzjoni jew ażil f'pajjiżna, ġiet rifjutata għar-raġunijiet spjegati lilu. Jirriżulta li r-rikorrent, ċittadin Marokkin, kien wasal Malta b'mod illegali, u talab għall-protezzjoni mingħand l-awtoritajiet Maltin sabiex ikun jista' jibqa' f'Malta permanentement. Bħala parti mill-proċedura biex jiġi stabbilit jekk persuna għandhiex dritt tingħata protezzjoni jew permess sabiex tibqa' f'Malta, issirlha intervista, fejn tiġi mistoqsija dwar ir-raġunijiet li għalihom tkun ħalliet pajjiżha, fost affarijiet oħra. Fil-każ odjern ir-rikorrent spjega li sakemm kien għadu jgħix il-Marokk huwa kien involut fi grupp politiku, il-Front

[5] *A fol.* 23 tal-proċess.
[6] *A fol.* 29 tal-proċess.

Polisario li qiegħed jiġġieled għar-rikonoxximent tad-drittijiet ta' grupp ta' persuni, u minħabba f'dan l-involviment politiku tiegħu, tefgħu għajnejhom fuqu l-awtoritajiet Marokkin, li qegħdin jippersegwitawh. Ir-rikorrent qal li f'każ li huwa jiġi ordnat jirritorna lejn pajjiżu, huwa ser ikun suġġett għal trattament inuman u degradanti, u esprima il-biżgħa li terġa' tibda l-persekuzzjoni tal-awtoritajiet Marokkin fil-konfront tiegħu. Meta saret evalwazzjoni tar-risposti mogħtija mir-rikorrent waqt l-intervista li saritlu, ġie stabbilit mill-Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali li l-verżjoni mogħtija mir-rikorrent ma kinitx konvinċenti, u kien skars fid-dettalji li ta, u għalhekk huwa ferm probabbli li mhuwiex minnu li kien qiegħed jiġi ppersegwitat fil-Marokk jew li ser ikun ippersegwitat f'każ li jirritorna lura f'pajjiżu. Kien għalhekk li l-applikazzjoni tiegħu ġiet rifjutata.

11. Permezz tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent qiegħed jitlob li din il-Qorti tiddikjara li l-imsemmija deċiżjoni tat-Tribunal intimat hija leżiva tal-jeddijiet fundamentali tiegħu kif protetti b'diversi disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, u li l-passat akkadut tiegħu għandu jservi bħala raġuni valida sabiex huwa jitħalla jgħix f'Malta b'mod regolari. Ir-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti tordna li huwa jibqa' jirrisjedi f'Malta, inkluż bil-ħruġ tad-dokumenti meħtieġa sabiex huwa jkun jista' jibqa' f'pajjiżna b'mod regolari.

12. Min-naħa tagħhom l-intimati ssollevaw bħala eċċezzjoni preliminari, li r-rikorrent kellu rimedju ordinarju għad-dispożizzjoni tiegħu li huwa naqas milli jagħmel użu minnu, jiġifieri r-rimedju li jitlob stħarriġ ġudizzjarju tal-għemil amministrattiv tat-Tribunal, *ai termini* tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-intimati u l-imsejjaħ fil-kawża spjegaw li filwaqt li l-applikazzjoni tar-rikorrent ġiet miċħuda mill-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali fil-21 ta'

April, 2021, din id-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata ġiet ikkonfermata mill-intimat Tribunal tal-Appelli għal Protezzjoni Internazzjonali fit-28 ta' April, 2021, u dan skont dak li jipprovdi l-artikolu 23(3) tal-Kap. 420 tal-Liġijiet ta' Malta. Permezz tax-xhieda ta' **Charmaine Bugeja**, Assistent Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali, ġie kkonfermat li r-rikorrent ma ressaq l-ebda proċeduri kontra l-intimati għajr dawk odjerni. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, l-intimati spjegaw li bit-talbiet tiegħu ir-rikorrent mhuwiex qiegħed jattakka xi artikolu tal-liġi, iżda l-azzjoni tal-awtoritajiet. Żiedu jgħidu li din il-Qorti hija adita b'ġurisdizzjoni speċjali, u għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha a tenur tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Qalu wkoll li r-rikorrent kellu rimedji tajbin u effettivi sabiex jittutela d-drittijiet tiegħu, u dan seta' jagħmel użu mill-proċedura maħsuba taħt l-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex ikun hemm stħarriġ ġudizzjarju tal-għemil amministrattiv li huwa qiegħed jilmenta minnu. L-intimati qalu li t-talba tar-rikorrent għal protezzjoni internazzjonali temana mill-branka tad-dritt pubbliku regolat mil-liġi amministrattiva, u fil-każ odjern irid jiġi mistħarreġ jekk hemmx ksur tal-artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kap. 12, għaliex f'każ li jirriżulta dan, id-deċiżjoni amministrattiva meħuda tista' tiġi mistħarġa minn Qorti ordinarja. L-intimati u l-imsejjaħ fil-kawża saħqu li ladarba r-rikorrent għażel li ma jagħmilx użu mir-rimedju ordinarju li l-liġi stess taħseb għalih, huwa ma jistax jippretendi rimedju minn din il-Qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali. L-intimati saħqu li fi kwalunkwe każ dawn il-proċeduri kostituzzjonali huma intempestivi, u dan għaliex qegħdin isiru qabel ma r-rikorrent fittex rimedju taħt il-liġi ordinarja.

13. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent spjega li d-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata li tirrifjuta l-applikazzjoni tiegħu, tammonta għal ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu u tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali. Qal li huwa ma

kellu l-ebda rimedju ieħor taħt il-liġi ordinarja, u kien għalhekk li huwa rrikorra għal dawn il-proċeduri. Spjega li l-intimati vvjolaw id-drittijiet fundamentali tiegħu stante li dawn ċaħduh mid-dritt li jintavola appell mid-deċiżjoni meħuda mill-Aġenzija intimata, la quddiem it-Tribunal u lanqas quddiem ebda Qorti kompetenti, u l-artikolu 23(4) tal-Kap. 420 jistipula li d-deċiżjoni taċ-*Chairperson* tat-Tribunal dwar jekk l-applikazzjoni tkunx waħda manifestament infondata għandha tkun waħda finali u konklussiva, u minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, ebda appell jew għamla ta' reviżjoni ġudizzjarja oħra ma tista' ssir quddiem it-Tribunal jew quddiem xi Qorti oħra. Ir-rikorrent qal li fil-każ odjern huwa qiegħed jilmenta li hemm mankanza fil-liġi, li ma tippermettix persuni bħalu jfittxu rimedju quddiem tribunal amministrattiv jew quddiem il-Qrati ordinarji.

14. Il-Qorti tagħmel riferiment għad-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kap. 420 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali, li fl-artikolu 7 tiegħu jistabbilixxi t-Tribunal tal-Appelli għal Protezzjoni Internazzjonali, li għandu s-setgħa jiddeċiedi appelli kontra deċiżjonijiet mogħtija mill-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali. Dan it-Tribunal għandu l-poter jisma' appelli sħaħ u *ex nunc* fuq fatti u fuq punti ta' liġi kontra d-deċiżjoni li tkun ingħatat fir-rigward ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Persuna li tappella quddiem it-Tribunal għandha tagħmel dan fi żmien ħmistax-il jum minn meta ssir in-notifika lill-applikant tad-deċiżjoni tal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali, u sussegwentement it-Tribunal jista' jagħmel smigħ orali jew inkella jista' jagħżel li jitlob li jsiru sottomissjonijiet bil-miktub fi żmien mhux aktar minn ħmistax-il jum mis-sottomissjoni tal-applikazzjoni tal-appell. Fi kwalunkwe każ, il-liġi tgħid li t-Tribunal irid jagħlaq il-proċeduri fi żmien tliet xhur, u d-deċiżjoni tat-Tribunal hija waħda finali u konklużiva, u ma tista' tiġi kkontestata jew appellata quddiem l-ebda qorti tal-ġustizzja.

15. L-artikolu 23 tal-Kap. 420 imbagħad jipprovdi għal proċeduri aċċellerati, f'każijiet fejn l-Aġenzija intimata tiddeċiedi li l-applikazzjoni tal-applikant hija manifestement infondata bħal fil-każ odjern. Il-liġi tgħid li applikazzjonijiet bħal dawn għandhom jiġu eżaminati fi żmien tliet ijiem ta' xogħol, u d-deċiżjoni tal-Aġenzija għandha tiġi minnufih mibgħuta liċ-*Chairperson* tat-Tribunal tal-Appelli għal Protezzjoni Internazzjonali sabiex jeżamina u jirrevedi d-deċiżjoni tal-Aġenzija, u dan fi żmien tliet ijiem ta' xogħol. Is-subinċiż (4) tal-artikolu 23 tal-Kap. 420 jistipula wkoll li d-deċiżjoni taċ-*Chairperson* tat-Tribunal tal-Appelli għal Protezzjoni Internazzjonali dwar jekk l-applikazzjoni tkunx waħda manifestement infondata, għandha tkun waħda finali u konklussiva, u minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, ebda appell jew għamla ta' reviżjoni ġudizzjarja oħra ma tista' ssir quddiem it-Tribunal jew quddiem xi qorti oħra. Dan ifisser li ladarba l-Aġenzija intimata tiddeċiedi li l-applikazzjoni tar-rikorrent hija waħda "manifestement infondata", il-proċeduri mibdija mill-applikant jinstemgħu b'mod aċċellerat li ma jagħtux lok li l-persuna li tkun qegħda tittieħed id-deċiżjoni dwarha, tinstema' jew tagħmel sottomissjonijiet bil-miktub. Effettivament dak li tgħid il-liġi huwa li l-Aġenzija intimata tirreferi d-deċiżjoni tagħha liċ-*Chairperson* tat-Tribunal, li għandu biss tliet ijiem ta' xogħol biex jirrevedi u jeżamina d-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata. Il-loġika tiddetta li f'dawn iċ-ċirkostanzi għandu jkun hemm żmien suffiċjenti biex isiru sottomissjonijiet min-naħa tal-applikant, kif ukoll biex ikun hemm smigħ xieraq, għalkemm bil-liġi kif inhi miktuba ċ-*Chairperson* tat-Tribunal huwa mistenni li jikkonferma d-deċiżjoni tal-Aġenzija dwar l-applikazzjoni hijiex waħda "manifestement infondata", bil-konsegwenzi kollha li deċiżjoni bħal dik iġġib magħha għall-persuna li tkun applikat. Dan huwa dak li tgħid il-liġi li għandu jsir, u jirriżulta li hekk sar fil-każ odjern, għaliex id-deċiżjoni aħħarija taċ-*Chairperson* tat-Tribunal ingħatat fi żmien ġimgħa minn meta ngħatat id-deċiżjoni tal-Aġenzija għall-

Protezzjoni Internazzjonali. L-Aġenzija tat id-deċiżjoni tagħha fil-21 ta' April, 2021, u t-Tribunal ikkonferma din id-deċiżjoni fit-28 ta' April, 2021. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferiment għal sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Mariama Ngady Parsons *vs.* l-Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali et**[7]:

> "Dan ifisser li r-referenza lit-Tribunal hija waħda unilaterali u awtomatika u mhux volontarja, sabiex issir reviżjoni u eżami tad-deċiżjoni. Għalhekk il-funzjoni tat-Tribunal ma hix *stricto jure* bħala waħda ta' tieni istanza, iżda pjuttost waħda ta' konvalidazzjoni tal-ewwel deċiżjoni. Il-persuna li tkun applikat ma għandha ebda sehem jew intervent f'din il-proċedura."

16. Il-Qorti tosserva li dak li qiegħed jilmenta dwaru r-rikorrent fil-każ odjern, mhuwiex li kien hemm awtorità amministrattiva li naqset milli tħares il-prinċipji ta' ġustizzja naturali fil-konfront tiegħu, jew li din naqset milli tosserva r-rekwiżiti proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dan l-għemil. Ir-rikorrent fil-każ odjern qiegħed jilmenta mill-fatt li l-liġi kif imfassla mil-leġislatur, u kif qiegħda tiġi applikata, qegħda ċċaħħdu milli jingħata smigħ xieraq, bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Ir-rikorrent qiegħed jilmenta mill-fatt li l-leġislatur stabbilixxa li d-deċiżjoni taċ-*Chairperson* tat-Tribunal hija waħda finali, minkejja t-terminu verament qasir li huwa għandu bil-liġi sabiex jikkonferma d-deċiżjoni tal-Aġenzija, u minkejja li f'dan it-terminu ta' żmien daqstant qasir l-applikant ma jkunx jista' jagħmel rappreżentazzjonijiet sabiex iċ-*Chairperson* tat-Tribunal imur kontra d-deċiżjoni tal-Aġenzija li tkun diġà ddeċidiet, li l-applikazzjoni tiegħu hija "manifestement infondata". Il-Qorti tfakkar li deċiżjonijiet bħal dawn jittieħdu abbażi ta' intervista li ssir lill-applikant minn uffiċjal pubbliku li jeżamina l-

[7] 1.03.2022.

applikazzjoni u r-risposti li jingħataw mill-applikant, u jagħmel il-konsiderazzjonijiet tiegħu qabel jasal għad-deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni li jkollu quddiemu. Mid-dokumenti li jinsabu in atti mhuwiex ċar jekk l-Aġenzija intimata għamlitx riċerka indipendenti dwar dak li ġie sottomess mir-rikorrent qabel ma waslet għad-deċiżjoni tagħha, u jekk sarux verifiki ulterjuri dwar ir-rappreżentazzjonijiet li saru minnu, qabel ġie deċiż li r-risposti mogħtija mir-rikorrent ma kinux konvinċenti, u li l-pajjiż li joriġina minnu r-rikorrent huwa wieħed sigur, u li għalhekk dan m'għandux jedd jingħata l-protezzjoni li talab għaliha.

17. Il-Qorti fuq kollox ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tal-intimati li fil-każ odjern ir-rikorrent kellu rimedju ordinarju ulterjuri disponibbli għalih. Il-kliem tal-liġi huwa ċar, u jgħid li d-deċiżjoni taċ-*Chairperson,* li tittieħed b'mod verament aċċellerat, hi waħda finali, u dan meta jkun diġà ġie deċiż mill-uffiċjali tal-Aġenzija li l-applikazzjoni in kwistjoni tkun waħda "manifestement infondata". Persuni bħall-applikant għalhekk m'għandhom l-ebda rimedju disponibbli għalihom, għaliex in-nuqqas li qiegħed jilmenta minnu r-rikorrent mhuwiex wieħed adoperat mill-awtorità amministrattiva li ħadet id-deċiżjoni, iżda mil-leġislatur li stabbilixxa li m'hemm l-ebda rimedju ulterjuri wara l-konferma taċ-*Chairperson* tat-Tribunal li l-applikazzjoni tkun manifestement infondata. Dan ifisser li l-eċċezzjoni sollevata mill-awtoritajiet intimati li r-rikorrent kellu rimedju ordinarju disponibbli, mhijiex mistħoqqa u għalhekk mhijiex sejra tiġi milqugħa.

## <u>Decide</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi t-tieni eċċezzjoni sollevata mill-intimati billi tiċħadha, u tordna li l-prosegwiment tas-**

**smigħ tal-kawża billi fl-udjenza li jmiss jitressqu l-provi tar-rikorrent dwar il-mertu.**

**L-ispejjeż marbuta ma' din is-sentenza *in parte* jibqgħu riservati għas-sentenza finali.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**